# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 18/2025**

Data: It-Tlieta 18 ta' Marzu 2025

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Sur Charles Bonello (17:46hrs) | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| Skużat/i: | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Assenti: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

18.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

18.2 MINUTI

18.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

18.4 KORRISPONDENZA

18.5 PLANNING AUTHORITY

18.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

18.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

18.8 MISTOQSIJIET

18.9 MOZZJONIJIET

18.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

18.11 FINANZI

18.12 TRAFFIC MANAGEMENT

18.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

18.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

18.15 STAFF

18.16 PURCHASE REQUEST FORM

18.17 ĦLASIJIET

18.18 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 18.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**18.1.1** Kien hemm talba waħda ta' apoloġija mingħand il-Kuns R Ellul, minħabba l-professjoni tiegħu u l-impenji tax-xogħol. Il-Kunsill approva din it-talba.

## 18.2 MINUTI

**18.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7099/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti ta' laqgħa 16/2025 bid-data 18 ta' Frar 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7100/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti ta' laqgħa 17/2025 bid-data 7 ta' Marzu 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 18.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**18.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 18.4 KORRISPONDENZA

**18.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn Mount Carmel Hospital sabiex tiġi mikrija lilhom is-sala tal-Kunsill għal erbà sessjonijiet rigward saħħa mentali u peress li l-iskop huwa wieħed edukattiv, skond il-'Bye-Law' il-ħlas għandu jkun dak ta' €150 għal kull sessjoni. Is-Sindku qal ukoll li dawn għadhom ma kkonfermawx. Il-Kunsill approva.

**18.4.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill ircieva korrispondenza mill-każin tal-Banda sabiex isir ir-riklam tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7101/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-ħlas ta' €100 għar-riklam tal-Gimgħa Mqaddsa ta' l-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura 2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.4.3** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill ircieva korrispondenza mill-Kummissjoni Festa Esterna sabiex isir ir-riklam tal-ktieb tal-Ġimgħa l-Kbira.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7102/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-ħlas ta' €300 għar-riklam tal-ktieb tal-Gimgħa l-Kbira 2025 hekk kif mitlub mill-Kummissjoni Festa Esterna kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.4.4** Is-Sindku nforma l-kamra li hemm miżura fil-manifest elettorali tal-gvern fejn qed jiġi mistoqsi lill-Kunsilli Lokali jekk hemmx xi postijiet ta' arranġamenti simili ma' xi ħwienet jew negozji kbar li jkunu disponibbli bħala parkeġġ. Is-Sindku qal li ma hemmx, però kien hemm proposta ta' arranġamenti simili li jistgħu jkunu disponibbli fil-lokal, fejn huwa semma l-parkeġġ il-ġdid ta' Project Green. Is-Sindku qal ukoll li tkellem magħhom u qalilhom li wara li jagħlaq il-park fis-19:00, huwa mportanti li l-parkeġġ jibqa miftuħ għar-residenti fejn huma qablu ma' dan. Huwa kompla jgħid li ser tibda diskussjoni wkoll ma' Transport Malta minn Project Green biex wara l-ħin tas-19:00 jiġu parkeġġi residenzjali. Il-Kuns R Deguara staqsa jekk l-ispazju li hemm fl-iskola tal-Fgura jistax jiġi ntużat għar-residenti bħala parkeġġ, bħal ma jsir f'xi lokalitajiet oħra, fejn għal dan is-Sindku qal li l-biżà tas-Surmast tal-iskola hija l-vetturi kemm ikunu f'kundizzjoni tajba, f'każ li jistgħu jqattru ż-żejt fuq il-premissi ta' l-iskola li jużawhom it-tfal. Il-Kuns R Deguara qal li din tista issir b'mod li wieħed jistà japplika għaliha u tiġi ċċekkjata l-karozza. Is-Sindku qal li tistà ssir ta' Triq is-Sur. Il-Kuns M Lombardo qal li biex isir dan, trid titħalla persuna għassa bi ħlas.

Is-Sindku qal li ġie mistoqsi wkoll lill-Kunsilli Lokali jekk hemmx siti jew spazji pubbliċi li fihom potenzjal u għaldaqstant jistgħu jiġu żviluppati f'siti ta' parkeġġ inkluż kwalunkwe spazji taħt l-art, fejn għal dan huwa qal li qed jipproponi Pjazza Reggie Miller. Is-Sindku qal ukoll li ġie mistoqsi jekk hemmx proġetti relatati ta' implimentar jew qegħdin fil-proċess li jitwettqu permezz ta' settur pubbliku jew kwalunkwe entità oħra. Għal dan, is-Sindku wieġeb li l-Kunsill applika għal Triq A.M. Valperga fejn Triq is-Sur sabiex isir il-parkeġġ li wasal fl-aħħar proċess biex jiġi approvat. Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk tistax tiġi indikata l-art fl-għalqa ta' fejn il-mina ta' Hompesch, bis-Sindku wieġeb li jridu jkunu postijiet pubbliċi u li l-ewwel ser tiġi ċċekkjata ta' l-iskola.

## 18.5 PLANNING AUTHORITY

**18.5.1** Is-Sindku informa l-Kamra, li kienet kellmitu residenta għaliex fi Triq Ħaż-Żabbar kien hemm xi ħadd bi żvilupp fejn irrakkomanda li ssir 'bakery' u l-Kunsill kien oġġezzjona. Is-Sindku qal li l-oġġezzjoni ntlaqat u ġew riċevuti l-pjanti l-ġodda li ntbagħtu wkoll lil kull membru tal-Kunsill, fejn il-'bakery' mhix imniżżla.

## 18.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**18.6.1** Is-Sindku informa l-kamra, li l-Kunsill irċieva l-ewwel €3750 ta' l-iskema tal-Karnival 2025, li l-Kunsill kien applika għaliha s-sena l-oħra.

**18.6.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7103/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għall-skema SPI/SCI/05/2025 Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.6.3** Is-Sindku nforma l-kamra li għall-iskema tal-Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità għal sistemi ta' irrigazzjoni f'postijiet pubbliċi, il-Kunsill ser japplika biex issir irrigazzjoni mad-dawra tal-iskola, fejn din kienet diġà ġiet diskussa fil-leġislatura preċedenti.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7104/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għall-iskema SPI/SCI/07/2025 Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità għal sistemi ta' irrigazzjoni f'postijiet pubbliċi.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.6.4** Is-Sindku nforma l-kamra li-Kunsill applika għal wieħed mill-iskrivani impjegat mal-Kunsill biex imur għal kors tas-'sage' u 'book keeping'. Il-Kunsill approva.

**18.6.5** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva mill-AKL rigward sistema tal-ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Is-Sindku qal li jekk jintlaħaq ftehim, dawn il-ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma ser jibdew isiru fil-Kunsilli Lokali, fejn ser ikun hemm dħul addizzjonali b'persentaġġ għall-Kunsill Lokali.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7105/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għal Cir AKL 2025/025 Sistema tal-Ħlasijiet tal-Kontijiet (ARMS).'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.6.6** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva mill-AKL rigward talba mingħand Identità, fejn qed jitolbu li jsir il-ġbir tal-karti tal-identità mill-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7106/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għal Cir AKL 2025/024 Sistema Ġbir ta' Karti tal-Identità' (Identità).'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.6.7** Is-Sindku nforma l-kamra li kull sena issir l-attività ta' l-'earth hour' fejn jintefà xi post fil-lokalità, u għaldaqstant ser tkun qed tintefà l-binja tal-Kunsill.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7107/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jieħu sehem fl-attività Cir/AKL 2025/023 tal-Earth Hour nhar is-Sibt 22 ta' Marzu 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 18.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**18.7.1** Is-Sindku informa l-kamra li ser issir żjara fil-Kunsill Lokali mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, is-Sna Alison Zerafa Civelli, fejn ser tiġi tiltaqà mal-ħaddiema, mas-Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv fit-2 t'April 2025 fl-10:00. Is-Sindku qal lil membri tal-Kunsill li kull min jixtieq jistà jattendi.

**18.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li fi Triq Pitirross, hemm xi artijiet fejn hemm siġar żgħar. Is-Sindku qal li l-Kummisjkoni Festa Esterna għandhom problema kbira fejn jerfgħu u jaħznu l-armar tal-festa, u għaldaqstant qed jitolbu li ssir ittra ta' rakkomandazzjoni mill-Kunsill Lokali sabiex jiġi rrakkomandat lill-Lands Department biex din l-art tingħata lilhom b'kirja, tinbena u jsiru mħazen. Is-Sindku qal ukoll li l-Kummisjoni iċċekkjaw mal-Lands Department u jistgħu japplikaw magħhom biex jinbnew l-imħażen.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7108/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jagħmel ittra ta' rakkomandazzjoni għall-Kummissjoni Festa Esterna biex japplikaw għall-art imsemmija fi Triq Pitirross hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irnexxielu jiġbor aktar fondi mir-Reġjun, u nġabret is-somma ta' €6386 fejn jidħlu applikazzjonijiet ta' Uffiċjali tal-LESA u Pulizija.

**18.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li wara li kien hemm l-attività tal-Kuns J Scicluna fis-sala tal-Kunsill Lokali, kien iddiżappuntat bis-sistema tas-'sound'. Is-Sindku qal li tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv għax ħass il-ħtieġa li tinxtara sistema tas-'sound' ġdida li tistà tintuża mid-'Day Centre', kif ukoll minn kull membru tal-Kunsill fejn din tkun ta' investiment għall-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li l-'ispeakers' li ser jinxtraw huma 'self amplified' u jkunu jistgħu jaqbdu ma ġewwa u jitniżżlu isfel ukoll.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7109/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni biex jinxtara l-irħas sound system li jintuża waqt l-attivitajiet zgħar tal-Kunsill Lokali.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li fil-garaxx tal-Kunsill għaddej ix-xogħol u l-Kunsill irid ikompli jinvesti fil-ħaddiema. Is-Sindku qal li nġabru xi kwotazzjonijiet biex jinxtraw aktar għodda, fejn dawn mhux ser ikunu qed jinxtraw kollha f'daqqa imma skond l-esiġenza.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7110/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni annessa biex jinxtara cordless drill għas-somma ta' €390.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.7.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7111/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni annessa biex jinxtara mitre saw għall-workshop tal-Kunsill. Dan għal spiża ta' €449.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.7.7** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7112/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni annessa biex jinxtara belt sander kif ukoll spray gun għall-workshop tal-Kunsill. Dawn għal spiża ta' €290.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.7.8** Is-Sindku informa l-kamra li jrid jiġi approvat ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2024. Il-Kuns M Lombardo talab biex isiru xi emendi, li dawn huma fir-rigward tas-sessjonijet 'Read With Me' fejn għandu jiżdied li jsiru żewġ sessjonijiet oħra fil-librerija kull nhar ta' Erbgħa u Ħamis bejn it-15:30 u l-16:30 għat-tfal minn 7 snin 'il fuq, li jsiru żewġ sessjonijiet tal-'Life Long Learning' fil-Malti u l-Ingliż nhar ta' Tnejn u Ħamis bejn il-17:30 u t-20:30, u li jsiru żewg sessjonijiet tal-'Junior Science Club' kull nhar ta' Erbgħa bejn l-16:00 u l-17:15. Il-Kuns M Lombardo qal li taħt is-sessjoni tal-attivitajiet, it-tabella tal-Onorifiċenzi kienet imniżżla f'post ħazin, li d-data tar-riċeviment tal-festa trid tkun f'Lulju u mhux f'Ġunju, filwaqt li l-festa tat-tfal saret għat-tieni sena u mhux għall-ewwel sena. Il-Kuns J Scicluna qalet li hemm l-attività tal-'Christmas Crafts Workshop' li saret fid-29 ta' Novembru 2024 li mhux imniżżla. Is-Sindku qal li m'għandux diffikultà li jsiru l-emendi pero qal li l-ġurnata tal-laqgħa tal-Kunsill mhix ideali li jsiru l-emendi, u għaldaqstant talab biex jintbagħtu qabel.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7113/25/9** 'Sabiex jigi approvat ir-Rapport Annuwali Amministrattiv għas-sena 2024 skont kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.7.9** Is-Sindku nforma l-kamra bil-laqgħa tal-lokalità li ser issir l-Erbgħa 9 t'April 2025 fil-17:30 hrs.

**18.7.10** Is-Sindku nforma l-kamra li ħatar Sotto Kumitat ieħor sabiex isir Monument tal-Madonna fil-Fgura.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7114/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jaħtar Sotto Kumitat Monument tal-Madonna li jikkonsisti minn chairman is-Sindku Clayton Cascun Portelli, membri Anton Tanti, Ron Cutajar, Fr Joe Saliba, David Zammit, Christian Brincat u l-Kuns Charles Bonello.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.7.11** Is-Sindku informa l-kamra li kif kien diġà nforma qabel, il-Flamenco waqaf peress li ma kienx hemm attendenza tajba u iltaqà mas-Sna Yvette Grech Buhagar fejn ġie deċiż li jinħareġ 'poster' għal sejħa tal-pubbliku għal kull min għandu bejn 12 u 18 il-sena u jixtieq jitgħallem id-drama. Is-Sindku qal li dan għandu jintbgħat lill-iskola u lill-għaqdiet b'mod speċjali lill-Youth Centre, u skond kemm ikun hemm applikazzjonijiet, jiġi deċiż minn hemm peress li ser ikun bla ħlas. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill għandu jħallas lis-Sna Grech Buhagiar bħal ma kien jiġi mħallas il-Flamenco qabel.

**18.7.12** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7115/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa sabiex jinxtraw 2 airconditions għall-uffiċċju tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 18.8 MISTOQSIJIET

**18.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 18.9 MOZZJONIJIET

**18.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 18.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**18.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 18.11 FINANZI

**18.11.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill talab lill-għaqdiet sabiex jibgħatu l-pjan ta' ħidma tagħhom għas-sena 2025. Is-Sindku qal li għall-'budget' ġew approvati €20,000, u ma jistax jingħata l-ammont li talbu huma għaliex jaqbeż dak l-ammont, pero l-'budget' tqassam kemm jistajkun bl-aħjar mod possibli. Is-Sindku qara dokument fejn jissemmew l-attivitajiet, it-talba finanzjarja mill-għaqdiet u l-għotja li ser tingħata mill-Kunsill anness bħala 'Dok A'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7116/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-Budget Annwali lil dawk l-għaqdiet li bagħtu l-pjan ta' ħidma tagħhom għas-sena 2025 hekk kif inhu anness, Fgura United - €6600, Youth Centre - €1500, Fgura Band Club - €4000, Fgura Scout Group - €1150, Kummissjoni Festa Esterna - €6000, Għaqda tal-Ħamiem - €800. L-għaqdiet huma obbligati li jistiednu lill-Kunsill kollu għal kull attività fil-lista msemmija.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 18.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**18.12.1** Is-Sindku nforma l-kamra li fil-Fgura qed jiftħu l-ħwienet u japplikaw għall-'unloading bays' u meta jsir użu ta' 'unloading bay', jittieħdu spazji ta' żewġ parkeġġi u lill-lokal ma jingħatalu xejn lura, fejn din qed toħloq fruntiera bejn il-Kunsill u l-komunità kummerċjali fil-Fgura li hija waħda b'saħħitha. Is-Sindku qal li giet riċevuta l-applikazzjoni għal 'unloading bay' mill-kumpanija tal-Crosscraft, fejn dawn huma intitolati għax jaqgħu taħt il-'policy' ta' Transport Malta u li bħala Kunsill ġiet irrifjutata. Huwa żied jgħid li wieħed mis-sidien tal-kumpanija talab biex jiltaqà miegħu u s-Sindku qallu bil-'policy' tal-Kunsill Lokali, u r-raġuni għaliex jiġu rrifjutati uħud mill-'unloading bays', peress li n-negozji jiġu fil-Fgura jieħdu l-parkeġġi u b'riżultat ta' dan, ibati r-resident. Is-Sindku kompla jgħid li jekk huwa lest jagħti kontribut lill-lokal, jerġà jressaqha għall-laqgħa tal-Kunsill, fejn huwa aċċetta li jipprovdi €8000 bħala 'corporate' iġifieri li l-ewwel €8000 infieq f''soft areas' u bankini etc, jitħallsu mill-'corporate' tagħhom. Is-Sindku qal li huwa talab li l-kuntratt ikun għal 3 snin u jiġġedded, fejn hawn huwa qara l-kuntratt anness bħala 'Dok B'.

Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7117/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jaċċetta l-agreement meħmuz b'dawn l-aġġustamenti mal-kumpanija Crosscraft - 1) titneħħa l-klawsola ta' 90 ġurnata avviż, 2) li dan il-kuntratt jorbot għal 3 snin sħaħ, 3) il-Kunsill flimkien ma' Crosscraft jiddentifika siti maqbula.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.12.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7118/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova t-talba ta' unloading bay mitluba mill-kumpanija Crosscraft fi Triq San Tumas.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 18.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**18.13.1** Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk kienx hemm aġġornament rigward il-'one ways' li huma approvati. Is-Sindku wieġeb li tkellem ma' Transport Malta, fejn staqsa f'hiex waslu t-talbiet li għamel il-Kunsill. Is-Sindku qal li l-perit lesta kollox, u kien hawn li għamel referenza għall-perit Luke billi informa l-kamra bl-aħħar ġurnata tiegħu, peress li mhux ser jibqa jaħdem mal-perit William Lewis. Is-Sindku kompla jgħid li perit William Lewis ser jassenja perit ieħor ġdid mal-Kunsill. Huwa żied li rigward it-talbiet kollha tal-Kunsill, tkellem ma' Transport Malta fejn ġie mgħarraf li ħafna minn dawn it-talbiet ser jiġu riċevuti fis-'sharepoint', u għaldaqstant ix-xogħolijiet ser ikunu qed jibdew. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu lista ta' dak li għadu pendenti għand il-Perit William Lewis u għand Transport Malta.

**18.13.2** Is-Sindku nforma l-kamra li bedà jingħalaq ix-xogħol tal-Enemalta fejn ingħata t-tarmak fi Triq is-Sur, Triq George Stevens u Triq Anġlu u Marianna Camilleri, u Triq Blondel saret it-triq kollha. Is-Sindku qal li rigward il-bankini tkellem mal-Public Works sabiex dawn forsi jsiru minn naħa tagħom bl-'agreement' u li l-kuntrattur tal-Enemalta għamel it-triq biss, għax hekk kien imqabbad mill-entitajiet. Huwa kompla jgħid li meta dawn jitlestew, ser jibda Triq it-Tagħlim u t-toroq l-oħra li fadal bħal Triq Bormla, biex jingħata t-tarmak. Is-Sindku qal ukoll li talab lil-Infrastructure Malta sabiex Triq it-Tagħlim, li qiegħda fl-istess sitwazzjoni ta' Triq Bondel, tingħata minn tarf ta' bankina sa tarf ieħor u mhux bit-trinka fin nofs, fejn din qed tiġi kkunsidrata pero qatt ma ingħatat risposta dwarha.

**18.13.3** Is-Sindku nforma l-kamra li jixtieq jipproponi lill-Infrastructure Malta, numru ta' toroq li huma fi stat ħażin sabiex jiġu tranġati, fejn qal lill-membri tal-Kunsill li jekk hemm xi triq mhux imniżżla għandhom jgħadduhielu. Is-Sindku qal li dawn huma Triq Cospicua, Triq 21 ta' Jannar 1965 u Triq Antonio u Maria Cumbo. Il-Kuns R Deguara ppropona li tiġi tranġata wkoll Triq il-Gallu Lane in-naħa ż-żgħira. Il-Kun C Bonello qal li qabel isiru dawn it-toroq, għandhom isiru Triq il-Karmnu u Triq 14 ta' Diċembru 1945. Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' Infrustructure Malta rigward Triq il-Karmnu fejn qal li f'din it-triq ingħadda l-'cable' tad-dawl u l-istess kuntrattur, li ltaqà miegħu fuq il-post mal-perit, ser jibda t-triq kollha bil-bankini u t-tarmak. Huwa żied jgħid li fi Triq il-Karmnu, is-sistema tad-dranaġġ ser tinbidel nofsha u li s-sistemi tal-ilma, il-bankini u t-tarmak ser jinbidlu kollha.

Wara diskussjoni, is-Sindku qal li għandu jintbgħat lill-Enemalta u jingħad li kien hemm ħsarat tad-dawl fi Triq San Tumas kantuniera ma' Triq il-Liedna, Triq il-Kitba kantuniera ma' Triq is-Sur u Triq San Tumas kantuniera ma' Triq Mater Boni Consili u fejn ir-'round about' tat-Tiptop, fejn saru x-xogħlijiet minnhom.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7119/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jagħmel talba formali lill-Infrastructure Malta biex isir il-bini mill-ġdid ta' Triq ir-Rużell, Triq Cospicua, Triq 21 ta' Jannar 1965, Triq Antonio u Maria Cumbo u Triq il-Gallu Lane (in-naħa ż-żgħira). '

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 18.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**18.14.1** Is-Sindku stieden lil Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li fis- 7 ta' Marzu 2025 saret l-attività ta' Jum il-Mara li kienet ta suċċess, fejn irringrazzjat lill-membri tal-Kunsill għall-attendenza, l-għajnuna u n-nominazzjonijiet tagħhom.

**18.14.2** Il-Kuns J Scicluna qalet li fil-11 ta' Marzu 2025, flimkien mal-Kuns I Catania De Giovanni marru bil-vann tal-Kunsill għand Burmarrad Commercials sabiex jiġi ċċekjat jekk jistax issirlu t-'tail lift'. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li l-kumpanija ser tiċċekkja rigward dan u l-Kunsill għandu jirċievi risposta, fejn jekk dan huwa possibli, il-persuna li tagħmel użu mis-siġġu tar-roti trid tkun ta' ċertu qies. Hija żiedet li l-Kunsill għandu jistenna r-risposta qabel tittieħed id-deċiżjoni. Il-Kuns M Lombardo qal li m'għandhiex issir diskriminazzjoni ma' ħadd, filwaqt li l-Kuns R Deguara qal li fil-vann għandu jidħol 'standard wheel chair'. Is-Sindku sostna li l-membri tal-Kunsill qed jaqblu li jekk jiġi kkonfermat li mhux kull persuna ta' kull qies tistà tagħmel użu mit-'tail lift' tal-vann, dan il-proċess mhux ser jitkompla.

**18.14.3** Il-Kuns J Scicluna qalet li fil-15 ta' Marzu 2025 saret l-attività tal-'Wellness' li ukoll kienet ta' suċċess.

**18.14.4** Il-Kuns J Scicluna qalet li saret il-laqgħqa tal-Kunsill tat-tfal, fejn hija kellmithom u urewha x-xewqa li jsir kors tal-ħjata filgħaxija. Hija qalet ukoll li qed tfittex sabiex issib ħajjata kwalifikata li tkun tistà tgħallem il-kors lil dawn it-tfal, fejn din tiġi imħallsa mill-'budget' tagħha. Il-Kuns J Scicluna pproponiet li ssir

bi sħab mal-Kuns M Lombardo jekk huwa dejjem jaqbel, però n-nefqa ma tkunx mill-'budget' tiegħu. Il-Kuns M Lombardo qabel ma' dan u għaldaqstant ikkonferma li ser ikun qiegħed jaħdem mal-Kuns J Scicluna biex ikun jista jsir dan il-kors tal-ħjata tat-tfal. Is-Sindku sostna li mhux ser jiġu mgħotija aktar flus lill-membri tal-Kunsill u li kollha għandhom il-'budget' tagħhom, fejn iridu jaraw kif ser jintnefaq.

**18.14.5** Il-Kuns J Scicluna għamlet referenza għall-'bus shelters' ta' fejn il-B4 u ta' fejn Galleria, li jridu jitranġaw għax huma imkissrin. Hija qalet li l-Kunsill ilu jikkomunika mal-awtoritajiet ikkonċernati fejn dawn qalu li l-'bus shelters' mhux tagħhom. Il-Kuns J Scicluna qalet li wara li kkumentat fuq il-medja soċjali, il-'bus shelter' ta' fejn il-B4 ġie rranġat, pero dak ta' fejn Galleria għadu le. Is-Sindku qal li l-uniċi żewġ 'bus shelters' li jaqgħu taħt Transport Malta huma dawk fit-trufijiet tal-'main road,' iġifieri dak ta' fejn il-mina ta' Hompesch u dak ta' quddiem Galleria, bil-kumplament jaqgħu taħt l-assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL). Is-Sindku qal ukoll li għandu jingħad lilhom li ser ikun qed jingħata ċans ta' ġimgħatejn, fejn il-Kunsill qed jesiġi li f'dan iż-żmien jitranġa l-'bus shelter' ta' fejn Galleria.

**18.14.6** Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7120/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova attività fit-2 ta' Mejju 2025 għal Jum il-Ħaddiem għall-mara tax-xogħol u niċċelebraw Jum l-Omm. Mistiedna kelliema nisà li għandhom karriera differenti u ommijiet. Fl-aħħar tas-serata ser ikollna kantant li ser jallegra s-serata sabiex niċċelebraw Jum l-Omm. Ser ikollna light snacks, te u cafe'. Budget ta' €600.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.14.7** Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7121/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova attività Wellness & Wellbeing Yoga u talk 26 t'April 2025 - Budget sa €50.'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.14.8** Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7122/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-attività tas-Sibt 12 t' April 2025- Attività crafts tema tal-Għid. Budget sa €100.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.14.9** Is-Sindku stieden lill-Kuns I Catania De Giovanni sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li matul l-aħħar xahar, saret ħidma biex tinstab alternattiva għall-kors ta' '3D printing' fejn wara laqgħa li kellhom hu u s-Sindku mal-Inġinier Pisani, dan offra sitt sessjonijiet ta' sagħtejn għal kull sezzjoni bil-prezz totali ta' €283.20. Huwa qal ukoll li dan il-kors ser isir bejn April u Mejju 2025 f'ħinijiet adekwati filgħaxija. Huwa żied jgħid li jekk il-proġett ikun ta' suċċess, jibdew diskussjonijiet sabiex fil-futur isiru klassijiet għat-tfal taħt l-10 snin biex ukoll tingħatalhom l-opportunità għal dan il-proġett, iżda jintużaw 3D pens minflok 3D printers.

**18.14.10** Il-Kuns I Cantania De Giovanni qal li qed tintuża sistema ġdida ta' 'live streaming' fil-Kunsill Lokali, bi kwalità tajba ta' kameras ġodda, fejn kull min jixtieq jaċċessa xi filmat tal-laqgħat tal-Kunsill tista tintuża il-pjattaforma YouTube u wieħed jistà jidħol fuq ic-'channel' 'Kunsill Lokali Fgura Malta' u jara 'live stream' jew filmati arkivjati.

**18.14.11** Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li fir-rigward tat-'ticketing system', din waslet fl-aħħar stadji u wara li titħabbar, ser issir laqgħa fuq l-'app' li ser tkun l-akbar proġett ta' teknoloġija fil-Fgura. Huwa qal ukoll li ser ikun hemm sistema ta' rapporti sabiex tintegra mat-'ticketing system' sabiex ikun aktar organiżżat.

**18.14.12** Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li l-għaqda tal-Fgura United FC jixtiequ jiltaqgħu miegħu u mas-Sindku sabiex issir 'talk' maż-żgħażagħ tal-Fgura.

**18.14.13** Il-Kuns I Catania ressaq mozzjoni ref: **7123/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni annessa sabiex isir kors ta' '3D printing' fis-sala tal-Kunsill. Il-kors huwa twil 6 sessjonijiet għal sagħtejn kull lezzjoni. Età jibdew minn 11-il sena 'il fuq għall-prezz ta' €283.20 (VAT inkluż).'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.14.14** Is-Sindku stieden lil Kuns C Bonello sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-attività tal-karnival 2025, din kienet ta' suċċess u kien hemm attendenza tajba.

**18.14.15** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-inizjattiva tal-karnival għat-tfal kien hemm 25 tifel u tifla li ħadu sehem u l-attendenza kienet tajba ukoll.

**18.14.16** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka 2025, li ser issir f'April 2025, il-preparamenti jinsabu għaddejjin fejn numru ta' affarijiet huma lesti. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li ser isir salib ġdid, li jekk dan ma jkunx lest sal-Mixgħela ta' din is-sena ser ikun lest sas-sena d-dieħla.

**18.14.17** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-wirja marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa, il-preparamenti huma kollha lesti, u fadal biss li jinxtraw it-'tokens' għall-esebituri u dawk li ser jieħdu sehem f'dawn it-tifkiriet. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li fil-jiem li ġejjin ser ikunu qed joħorgu l-inviti.

**18.14.18** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-publikazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, din waslet fil-fażi finali sabiex il-fuljett imur għall-istampar.

**16.14.19** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-iskedar ta' postijiet ta' siti storiċi, il-Kunsill qed jistenna minngħand il-perit, sabiex tiġi ssottometta l-applikazzjoni.

**18.14.20** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigaward tal-bust tal-Patri Timotju, il-Kunsill qiegħed ukoll jistenna mingħand il-perit sabiex tiġi ssottometta l-applikazzjoni għall-fondi tal-Planning Authority, fejn il-bażi tiegħu diġà saret u twaħħlet sabiex ma tinkisirx.

**18.14.21** Is-Sindku stieden lil Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7124/25/9** 'Sabiex tiġi organizzata Library Day flimkien ma' School A fl-okkażjoni ta' World Book Day f'data qrib it-23 t'April li tiġi kkomunikata aktar tard. Infieq ta' mhux aktar minn €500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.14.22** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7125/25/9** 'Sabiex tiġi organizzata Festa Tfal għat-3 sena konsekuttiva flimkien mal-iskejjel primarji u b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Festa Esterna u l-Għaqda Mużikali u Soċjali Modonna tal-Karmnu. Din l-attività ser issir nhar l-Erbgħa 28 ta' Mejju fit-8:30. Allokazzjoni ta' mhux aktar minn €3500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.14.23** Is-Sindku stieden lil Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Deguara qal li waqt id-'Day Centre' sar 'fire hazard exercise' barra, fit-triq fejn il-Kunsill Lokali.

**18.14.24** Il-Kuns R Deguara qal li saru testijiet tal-ilma, fejn is-Sindku qal li hu ma jsibx problema sabiex isiru dawn it-testijiet, però l-amministrazzjoni għandha tkun infurmata minn qabel.

**18.14.25** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7126/25/9** 'Sabiex issir bozza ma' arblu fi Triq San Gwann kantuniera ma' Triq il-Misk.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.14.26** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7127/25/9** 'Sabiex issir ħarġa f'Awwissu 2025 Harbour Cruise filgħodu ghas-somma ta' mhux aktar min €500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.14.27** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7128/25/9** 'Sabiex issir ħarġa ta' Gurnata fi Sqallija f'Ottubru 2025 għas-somma ta' mhux aktar minn €1000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 18.15 STAFF

**18.15.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7129/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għal Cir AKL 2024/083 - Polza tal-assigrazzjoni tas-saħħa għall-ħaddiem il-ġdid Paul Sylvester Cassar għas-somma ta' mhux aktar minn €60.65.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.15.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7130/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqà t-talba ta' dawn it-3 studenti biex jagħmlu 20 siegħa work placement fi ħdan il-Kunsill tal-Fgura. L-ismijiet tal-istudenti jinsabu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**18.15.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7131/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqà t-talba ta' dan l-istudent biex jagħmel 400 siegħa apprentistat bi ħlas ta' €1.36 fis-siegħa fi ħdan il-Kunsill tal-Fgura. L-isem ta' l-istudent jinsab anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 18.16 PURCHASE REQUEST FORM

**18.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7132/25/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Marzu 2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 18.17 ĦLASIJIET

**18.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7133/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-lista tal-ħlasijiet minn 11/02/2025 sa 11/03/2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 18.18 AĠĠORNAMENT

**18.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:20 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 16 ta' April, 2025 fil-17:30hrs.

# KUNSILL LOKALI FGURA

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data: 18 ta' Marzu, 2025

'Dok A'

# Pjan ta Hidma Ghaqdiet

| Fgura United | Xahar | Attivita' | Talba Finanzjarja | Ghotja mill-Kunsill |
|---|---|---|---|---|
| | Frar | Carnival Bootcamp | 600 | 500 |
| | April | Down Syndrome Association Workshop | 400 | 400 |
| | April | Richmond Foundation Sport Day | 600 | 500 |
| | April | Hamis Ix-Xirka Event Candles | 300 | N/a |
| | Mejju | Penalty Shootout activity | 1100 | 1000 |
| | Awwissu | Summer school setup | 1100 | 1000 |
| | Awwissu / Settembru | International training camp | 900 | 800 |
| | Awwissu | End of season Event | 950 | 750 |
| | Ottubru | Foot screening event | 700 | 600 |
| | Dicembru | Sports Psychology sessions | 500 | 400 |
| | Dicembru | December Christmas party | 750 | 650 |
| | | Total | 7900 | 6600 |

| Youth Centre | Xahar | Attivita' | Talba Finanzjarja | Ghotja mill-Kunsill |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | N/A | Sponsoring of Polo Shirts for distributing Mixeghla Leaflets | 500 | N/A |
| | N/A | Pjazza fil-Milied | 800 | N/A |
| | N/A | Sponsoring of trophies | 500 | 250 |
| | N/A | Training course First aid and mental health aid | 1000 | 500 |
| | N/A | Promotional Leaflets to atrack new members | 1000 | 500 |
| | N/A | Wheelchair Ramp Fixing | 200 | N/A |
| | | Total | 4000 | 1500 |

| Fgura Band Club | Xahar | Attivita' | Talba Finanzjarja | Ghotja mill-Kunsill |
|---|---|---|---|---|
| | N/A | Good Friday Advert | 100 | Admin |
| | N/A | Feast Advert | 150 | Admin |
| | N/A | Calendar | 300 | Admin |
| | N/A | Band Club Grand Opening | 4000 | 3000 |
| | N/A | Lejla Maltija Feats | 4000 | 1000 |
| | | Total | 8550 | 4000 |

| Scouts | Xahar | Attivita' | Talba Finanzjarja | Ghotja mill-Kunsill |
|---|---|---|---|---|
| | Frar | Party Karnival Kiri ta sala u cleaner | 300 | Jistghu juzaw taghna |
| | Marzu | Chruch Parade Fgrua Permessi Lesa | 250 | Admin |
| | April | April Annual Parade Transport to Valletta | 240 | 200 |
| | April | Festa Ghid Refreshments | 300 | 150 |
| | Mejju | Car Wash | 100 | 100 |
| | Settembru | Chruch Parade Fgura Permessi Lesa | 250 | Admin |
| | Settembru | Car Wash | 100 | 100 |
| | Settembru | Chruch Parade Fgura Permessi Lesa | 250 | Admin |
| | Novembru | Talent Show | 800 | 600 |
| | Dicembru | Milied fil-Pjazza | 2000 | N/A |
| | | Total | 4590 | 1150 |

| Kummissjoni | Xahar | Attivita' | Talba Finanzjarja | Ghotja mill-Kunsill |
|---|---|---|---|---|
| | Gunju | Pasta Night | 2000 | 2000 |
| | Lulju | Fgura Fest Lulju | 5000 | 1000 |
| | Settembru | Majjalata | 3000 | 3000 |
| | | Total | 10,000 | 6000 |

| Ghaqda Hamiem | Xahar | Attivita' | Talba Finanzjarja | Ghotja mill-Kunsill |
|---|---|---|---|---|
| | N/A | Club Rent | 1500 | N/A |
| | N/A | Trophies | 1500 | N/A |
| | N/A | Transport | 1200 | N/A |
| | N/A | Club Maintenance | 1000 | 800 |
| | | Total | 5200 | 800 |

'Dok B'

**KUNTRATT TA' FTEHIM BEJN**
**IL-KUNSILL LOKALI TAL-FGURA**
u
**CROSSCRAFT COMPANY LIMITED**

Dan il-kuntratt qed isir fil-jum __ ta' _______ tas-sena ____ bejn:

1. **Il-Kunsill Lokali tal-Fgura**, b'uffiċċju ewlieni tiegħu f' 126, 128 Triq Hompesch, Il-Fgura, irrappreżentat minn ________ (K.I. _____) fil-kapaċita legali tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv, hawn imsejjaħ **"Il-Kunsill"**; u
2. **Crosscraft Company Limited** b'uffiċċju ewlieni tagħha f'211, Valletta Road, Paola, irrappreżentata minn Robert Vella (K.I. _____), hawn imsejħa **"Il-Kumpanija"**.

**PREAMBLU**

Billi l-Kumpanija tixtieq tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-benesseri tar-residenti tal-Fgura permezz tal-inizjattiva tagħha ta' **Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (*Corporate Social Responsibility - CSR*)**;

Billi l-Kunsill jilqa' din l-inizjattiva bħala parti mill-isforzi tiegħu biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja fil-lokalità;

L-Partijiet hawn fuq jaqblu li jidħlu f'dan il-kuntratt fuq dawn it-termini u kundizzjonijiet:

## ARTIKLU 1 - GĦAN TAL-KUNTRATT

Il-Kumpanija taqbel li tagħmel **investiment annwali ta' tmien elef ewro (€8,000)** fil-lokalità tal-Fgura, b'għan li jittejjeb il-benesseri tar-residenti permezz ta' proġetti soċjali, ambjentali jew infrastrutturali.

Il-Kumpanija taqbel li mis-sitta ta' waranofsinhar (18:00pm) sat-tmienja ta' filgħodu (08:00am), tipprovdi spazju diġitali ta' minimu ta' **għaxar (10) minuti kull siegħa fuq id-*digital advertising screen*** tas-*showroom* tal-Kumpanija li tinsab 155, Triq San Tumas, il-Fgura.

## ARTIKLU 2 - PROĠETTI ELIGGIBBLI

1. Il-Kunsill u l-Kumpanija jaqblu li l-investiment annwali għandhom jintużaw għal proġetti li jġibu benefiċċji diretti għar-residenti tal-Fgura, inklużi iżda mhux limitati għal:
    - Manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi jew spazji rikreattivi;
    - Inizjattivi ambjentali;
    - Tisbiħ u riġenerazzjoni ta' *soft areas*;
2. Il-proġetti li jiġu ffinanzjati mill-Kumpanija għandhom isehħu wara diskussjoni u approvazzjoni mill-Kunsill b'konsultazzjoni mal-Kumpanija.

## ARTIKLU 3 - MONITORAĠĠ U RAPPORTAR

1. Il-Kunsill jaqbel li flimkien mal-Kumpanija jippreżenta rapport annwali fejn jagħti rendikont dwar kif intużaw il-fondi.
2. Il-Kunsill għandu d-dritt li jitlob informazzjoni dwar l-andament tal-proġetti f'kull ħin.

## ARTIKLU 4 - REKLAMAR

1. Il-Kunsill jaqbel li l-materjal li ser jkun ippublikat fuq id-*digital advertising screen* tal-Kumpanija għandu jkun wieħed li ma jinkludiex referenza għall-entitajiet kummerċjali oħra.
2. Il-Kunsill jaqbel li l-materjal ippublikat fuq id-*digital advertising screen* ikun jikkonċerna u jippromovi x-xogħol li jkun qed jitwettaq mill-istess Kunsill, fil-parametri tal-funzjonijiet tiegħu kif stabbiliti f'Artikolu 33 tal-Att dwar Gvern Lokali, Kap 363.
3. Il-Kunsill jaqbel li qabel ma jkun ippublikat il-materjal fuq id-*digital advertising screen*, il-kunsill jgħaddi l-materjal għall-approvazzjoni mill-Kumpanija b'konsultazzjoni mal-Kunsill.
4. Il-Kunsill jaqbel li l-materjal ippublikat fuq id-*digital advertising screen* ma jkunx jinkludi promozzjoni ta' politika partiġjana.

## ARTIKLU 5 - ŻMIEN U TERMINAZZJONI

1. Dan il-kuntratt jibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' **tlett (3) snin**, mill-jum li qed jiġi ffirmat.
2. Kull waħda mill-partijiet tista' tikkanċella dan il-ftehim permezz ta' avviż bil-miktub ta' **90 jum**.
3. Jekk waħda mill-partijiet ma tonorax l-obbligi kif miftiehem, il-parti l-oħra jkollha d-dritt li twaqqaf dan il-ftehim immedjatament.

8000 Ha nitolbu hsieb ???

## ARTIKLU 6 - KLAWŻOLA ĠENERALI

1. Dan il-kuntratt huwa rregolat bil-liġijiet ta' Repubblika ta' Malta.
2. Kwalunkwe tilwima li tista' tqum għandha tiġi solvuta permezz ta' negozjati bejn il-partijiet jew, f'każ ta' nuqqas ta' ftehim, permezz ta' medjazzjoni jew arbitraġġ kif previst fil-liġijiet Maltin.
3. Fin-nuqqas ta' riżoluzzjoni permezz ta' medjazzjoni jew arbitraġġ, il-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta għandhom ikollhom ġurisdizzjoni fuq kwalunkwe materja u kontenzjoni li tista' tkun naxxenti minn dan il-kuntratt jew minn kwalunkwe patt u kundizzjoni formanti parti minnu.

B'hekk, dan il-kuntratt qed jiġi ffirmat f'żewġ kopji f'[lokazzjoni] fil-jum __ ta' ______ tas-sena ____.

**F'isem il-Kunsill Lokali tal-Fgura**
[Isem u Firma]
[Titlu]

**F'isem Crosscraft Company Limited**
[Isem u Firma]
[Titlu]